# L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

12 ta' Settembru 2025

Għażiż,

Nittama li tinsab tajjeb.

Nixtieq l-ewwel nett ngħidlek kemm napprezza l-ħidma pastorali li s-saċerdoti qed jagħmlu bħala religious counsellors fl-iskejjel, ħidma li hi hekk importanti fi żminijietna.

L-istudenti u l-edukaturi fl-iskejjel tal-Istat u Indipendenti f' Malta ġejjin minn ħafna realtajiet, xi wħud iħossuhom mitlufin u bla direzzjoni. Ilkoll nixtiequ li fil-ħidma pastorali tagħna nkomplu nkabbru t-tama fostna, ispirati u mħeġġa mill-Kmandament il-Kbir ta' Sidna Ġesù  Kristu: "L-ewwel wieħed huwa dan: Isma' Iżrael; il-Mulej Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu u bil-qawwa tiegħek kollha. It-tieni hu dan: Ħobb il-għajrek bħalek innifsek." (Mk 12, 29-31). Dan qed ifakkarulna Papa Ljun XIV, bil-motto tiegħu - 'In illo uno unam'  - Fil-Wieħed, aħna ħaġa waħda.

Għal din is-sena skolastika 2025-2026, l-iSpiritual Development in Schools ġabret dan il-messaġġ permezz tat-tema: 'Wholesome'. Fil-bidu tas-sena skolastika nixtieq nistedinkom biex niltaqgħu flimkien, niskopru iktar din it-tema, nitgħallmu mill-esperjenza ta' xulxin dwar kif qed niżviluppaw il-ħidma pastorali fl-iskejjel fejn qed taqdu, u nieklu xi ħaġa flimkien ukoll f'nofsinhar.

Il-laqgħa se ssir nhar l-Erbgħa 24 ta' Settembru 2025, bejn l-10:00am u 12:00pm ġewwa Sala San Ġwann fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana. Fr Reuben Gauci se jikkomunika magħkom dwar iktar dettalji tal-laqgħa.

Il-Mulej ibierkek u jħarsek.

+ J. Galea Curmi

✠ Joseph Galea Curmi
Isqof Awżiljarju
Vigarju Ġenerali

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**